MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 522/1994/2

**Paul Balzan u Ludgardu sive Richard Camilleri**

**vs.**

**Saviour Caruana fil-kwalita` tieghu bhala mandatarju tal-imsiefer Philip Borg u fl-14 ta' Ottubru 1994 Philip Borg assuma l-atti tal-kawza f'ismu proprju; u b'digriet tas-27 ta' Frar 2006 gew ammessi *in statu et terminis* Anthony u Doreen konjugi Micallef**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fl-20 ta' April, 1994 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew:

Illi Philip Borg b'konvenju datat 5 ta' April 1993 li kopja tieghu qed tigi hawnhekk annessa u markata Dok. A, wieghed u obbliga ruhu li jbiegh u jittrasferixxi lill-atturi li

accettaw u obbligaw ruhhom li jixtru u jakkwistaw flimkien u in solidum bejniethom iz-zewg porzjonijiet ta’ art fabbrikabbli formanti parti mill-art maghrufa bhala Tal-Barumbara, Haz-Zebbug, accessibbli minn Triq Patri Pelagju Mifsud, markati bhala plot snru. (1) u (2) fuq il-pjanta annessa mal-konvenju, liberu u frank minn cnus u minn kwalunkwe piz iehor, bid-drittijiet u pertinenzi taghhom kollha, kif deskritti ahjar fl-istess konvenju, bil-prezz ta’ (Lm16,000) sittax-il elf lira Maltija u bil-pattijiet u kundizzjonijiet specifikati fl-istess konvenju, bil-kejl il-plot (1) ta’ 153.90 metri kwadri li minnhom 127.90 metri kwadri huma fabbrikabbli u 26 metri kwadri huma intizi ghall-formazzjoni tat-triq, waqt li l-plot nru. (2) hija tal-kejl ta’ 153.74 metri kwadri li minnhom 121.48 metri kwadri huma fabbrikabbli u ghandha faccata ta’ ghoxrin pied u hames pulzieri, waqt li l-plot nru. (1) jigi trasferit bil-wisa’ li fih, bil-pussess battal u jmissu flimkien peress illi kontigwi minn Triq Nofs in-nhar u Triq Patri Pelagju Mifsud, mill-punent ma’ proprjeta` tal-aventi kawza tal-kompraturi u mil-lvant ma’ proprjeta` ta’ Rose Caruana, liema konvenju gie estiz fit-2 ta’ Lulju 1993, 25 t’Awissu 1993, 6 ta’ Ottubru 1993 u 24 ta’ Jannar 1994;

Illi b’ittra ufficjali datata 16 ta’ Marzu 1994 l-atturi interpellaw lill-konvenut nomine biex jersaq u jaddivjeni ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta’ bejgh definittiv (Dok. B);

Illi l-kovenut nomine ma resaqx ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta’ bejgh definittiv;

Talab li din il-Qorti:

1) Tikkundanna lill-konvenut nomine jersaq u jaddivjeni ghall-kuntratt pubbliku definittiv taz-zewg porzjonijiet ta’ art fabbrikabbli formanti parti mill-art maghrufa bhala Tal-Barumbara, Haz-Zebbug, accessibbli minn Triq Patri Pelagju Mifsud, markati bhala plot snru. (1) u (2) fuq il-pjanta annessa mal-konvenju Dok. a, liberu u frank minn cnus u minn kwalunkwe piz iehor, bid-drittijiet u pertinenzi taghhom kollha, kif deskritti ahjar fl-istess konvenju, bil-prezz ta’ (Lm16,000) sittax-il elf lira Maltija u bil-pattijiet u

kundizzjonijiet specifikati fl-istess konvenju, bil-kejl il-plot (1) ta’ 153.90 metri kwadri li minnhom 127.90 metri kwadri huma fabbrikabbli u 26 metri kwadri huma intizi ghall-formazzjoni tat-triq, waqt li l-plot nru. (2) hija tal-kejl ta’ 153.74 metri kwadri li minnhom 121.48 metri kwadri huma fabbrikabbli u ghandha faccata ta’ ghoxrin pied u hames pulzieri, waqt li l-plot nru. (1) jigi trasferit bil-wisa’ li fih, bil-pussess battal u jmissu flimkien peress illi kontigwi minn Triq Nofs in-nhar u Triq Patri Pelagju Mifsud, mill-punent ma’ proprjeta` tal-aventi kawza tal-kompraturi u mil-lvant ma’ proprjeta` ta’ Rose Caruana;

2) Tinnomina Nutar Pubbliku biex jippubblika l-kuntratt definittiv ta’ bejgh;

3) Tinnomina kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-kontumaci fuq l-att.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut nomine li huwa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenut ipprezentat fid-9 ta’ Awissu 1994 fejn qal:

1. Preliminarjament in-notifika tac-citazzjoni hija nulla ghaliex ma saritx lill-esponent;

2. Subordinatament, l-esponent qatt ma qal lill-atturi li ma riedx jaghmel il-kuntratt, anzi kien fl-interess tieghu li jsir. Ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jigu respinti;

Rat il-verbal ta’ l-14 ta’ Ottbru 1994 fejn deher Philip Borg u assuma l-atti tal-kawza f’ismu proprju;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut ipprezentat fit-3 ta’ Frar 1995 fejn qal:

1. Illi ghalkemm il-konvenju nggedded diversi drabi, il-kuntrt tal-bejgh ma setax isir minhabba ostakolu legali u ladarba dan ma kienx possibbli t-talbiet tal-atturi ghandhom jigu michudin;

2. Illi bla pregudizzju tal-premess, l-atturi qabdu u ghamlu l-kawza meta l-konvenju kien gie mgedded diversi drabi u meta l-konvenut ma kienx irrifjuta li jaghmel il-kuntratt jew li jgedded. Ghalhekk fi kwlunkwe kaz il-konvenut m'ghandux ibati spejjez tal-kawza;

Rat id-digriet tas-27 ta' Ottubru 1995 li bih giet nominate l-assistenta gudizzjarja Dott. M'Dolores Gauci sabiex tisma' x-xiehda bl-urgenza ta' Philip Borg;

Rat id-digriet ta' l-10 ta' Lulju 1996 li bih ordnat li l-imsemmija assistenta gudizzjarja tiehu hsieb il-gbir tal-provi kollha;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-atturi u n-nota responsiva tal-konvenut;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni;
Ikkunsidrat:

L-ewwel eccezzjoni tal-konvenut dwar in-nullita` tan-notifika tac-citazzjoni giet irtirata minn Dott. Joseph Borg ghall-konvenut fis-seduta ta' l-4 ta' Lulju 2000 u ghalhekk din il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dik l-eccezzjoni.

Permezz tat-tieni eccezzjoni tieghu l-konvenut jghid illi huwa qatt ma qal lill-atturi li ma riedx jaghmel il-kuntratt peress illi kien fl-interess tieghu li jsir. Fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu mbaghad ikompli jghid illi dak li gara kien li l-kuntratt ma setax jigi pubblikat minhabba xi ostakolu legali. Fin-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri tieghu mbaghad jeccepixxi formalment illi l-kuntratt ma setax isir minhabba ostakolu legali u ghalhekk, galadarba ma kienx possibbli li jsir il-kuntratt, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda. Izda fit-tieni eccezzjoni ulterjuri tieghu mill-gdid jirreferi ghall-fatt li ma kienx irrifjuta li jaghmel il-kuntratt u li ghalhekk ma'ghandux ibati spejjez. Fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu mbaghad jispjega illi l-ostakolu legali kien fis-sens li kuntratti precedenti rigward l-istess art ma

kinux gew registrati fir-Registru ta' l-Artijiet u li dawk ir-registrazzjonijiet huma mblokkati minhabba proceduri fil-kawza fl-ismijiet "Joseph Borg vs Karmenu Borg" (P.A. Citaz. Nru. 275/94 FGC).

**In-Nutar Carmel Martinelli** xehed fis-17 ta' mejju 1995 li l-konvenju in kwistjoni kien gie redatt minnu. Il-konvenju kien jirrigwarda tliet plots. Plot minhom kien gie ghand il-konvenut permezz ta' divizjoni bejn l-ahwa Borg u meta gie biex ibighha sab li n-Nutar li kien ippubblika l-att ma kien ghamel *registration* skond il-Land Registration Act. Ghalhekk hu ha hsieb biex jirregistra dan il-plot u b'hekk seta' jsir il-kuntratt. Iz-zewg plots l-ohra, mertu ta' din il-kawza, kienu messew – permezz ta' l-istess kuntratt ta' divizjoni – lil Rose Caruana, oht il-konvenut, u anke fil-kaz taghhom ma saritx ir-*registration*. Sussegwentement sar ftehim bejn il-konvenut u hutu Rose Caruana u George Borg biex ipartu xi artijiet. Iz-zewg plots in kwistjoni gew assenjati lil George Borg minn Rose Caruana u sussegwentement sar kuntratt iehor fejn George Borg assenja l-istess plots lill-konvenut odjern. Dawn it-trasferimenti saru kollha minghajr il-*land registration*. In-Nutar Martinelli qal illi huwa kellu jiehu hsieb li jipprova jgib il-*land registration* ta' dawn iz-zewg plots. Qal illi kieku ghamel il-kuntratt bejn il-kontendenti, dan kien ikun null. In kontro-ezami spjega illi z-zewg plots in kwistjoni sar tpartit taghhom mal-plot 9 li giet trasferita lil terzi u hemm kawza pendenti mis-sid tal-plot 8 kontra s-sid tal-plot 9 peress illi qieghed jigi allegat illi min ghandu l-plot 9 bena aktar milli kellu u talbu biex ma ssirx ir-*registration*. Ghalhekk, jghid ix-xhud, jekk ma ssirx ir-*registration* tal-plot 9 fil-Land Registry, ma tistax issir ir-*registration* tal-plots 1 u 2, cioe` l-plots in kwistjoni.

Fil-15 ta' Ottubru 1997 rega' xehed in-Nutar Carmel Martinelli li qal illi fil-mori ta' din il-kawza, Rose Caruana applikat fid-19 ta' Gunju 1995 sabiex tirregistra l-plots 1 u 2 f'isimha, u dan permezz ta' applikazzjoni LRA 1094/95. B'hekk George Borg seta' japplika biex il-plots iduru fuq il-konvenut. F'Awissu 1995 pero` George Borg dahhal *caution* mar-Registratur ta' l-Art biex izomm ir-registrazzjoni taghhom (LRC 1095/95). Fit-22 ta' Awissu

1995 il-konvenut kiteb lir-Land Registrar biex ikun jaf ghal liema raguni saret il-*caution* u min ghamilha. Fid-19 ta' Ottubru 1995 irrisponda l-Land Registrar b'referenza ghall-applikazzjoni ta' Rose Caruana u l-kawzjoni u qal li l-kawzjoni saret mhux minhabba t-titolu ta' Rose Caruana izda minhabba l-konfini peress illi r-registrazzjoni tal-plots 1 u 2 kif mitluba kienet tippregudika *"the rights of cautioners with regard to the borders and alignments of plots 9 and 10"*. In-Nutar Martinelli qal li kawzjoni minhabba l-konfini ma taghmilx sens peress illi bejn il-plots 1 u 2 u l-plots 9 u 10 inargu t-titoli assoluti tal-plots 5, 6, 7 u 8. Kompla jghid illi ma sar xejn biex tigi mwaqqfa l-kawzjoni izda wara li huwa ghamel pressjoni fuq il-Land Registrar, mexa wahdu u kiteb ittra lil Dott. Robert Tufigno (ittra Dok. CM3) fejn talbu jkellmu flimkien man-Nutar Martinelli fi zmien hmistax-il gurnata jew jottempera ruhu mal-Kap. 296 filwaqt li rrizerva d-dritt li jiehu l-passi kollha li jippermettulu l-istess Kap. 296. Skond ix-xhud, Dott. Tufigno ma marx izda huwa mar ikellem lir-registratur li qallu li se jwaqqa' l-kawzjonijiet kollha peress li kienu llegali u abbuzivi u li ma kien hemm xejn x'izomm milli jsiru l-applikazzjonijiet ghat-trasferimenti sussegwenti ghall-kuntratt ta' Settembru 1992 u b'hekk jista' jsir il-kuntratt in kwistjoni, mertu ta' din il-kawza.

**Dottor Godwin Grima**, ir-Registratur ta' l-Artijiet, xehed illi kienu ghamlu kawzjoni Carmelo Borg u martu Carmela nee` Bezzina fejn qalu li r-registrazzjoni tal-plots 1 u 2 tippregudika l-pozizzjoni taghhom tal-plots 9 u 10, u din saret fit-3 ta' Awissu 1995. Huwa qal li rrifjuta l-kawzjoni peress li kien jidher li kien hemm xi atti li, ghalkemm dahlu fl-Insinwa, ma gewx debitament registrati kif jitlob il-Kap. 296. Huwa rrefera ghall-ittra tas-17 ta' Marzu 1997 li kien baghat lil Dott. Robert Tufigno u n-Nutar Carmel Martinelli, u ittra ohra tas-7 ta' Mejju 1997 fejn informal in-Nutar Anthony Gatt li kien talab ir-registrazzjoni tal-plots 1 u 2 u fejn infurmah li l-applikazzjoni kienet inhadmet u li l-kawzjoni kienet ddahlet biss bhala notament. Huwa ccara illi l-applikazzjoni kienet giet accettata. Mistoqsi jekk fil-5 ta' April 1993 (data tal-konvenju mertu ta' dan il-kaz) setax isir kuntratt ta' bejgh ghall-plots 1 u 2, ix-xhud wiegeb li peress illi ma kienx ghad hemm applikazzjoni fir-Registru

ta' l-Artijiet, l-akkwist minn Rose Caruana ma kellux effett ghat-terzi. Mistoqsi jekk, kieku saret applikazzjoni ghar-registrazzjoni ta' dawn il-plots rigward id-divizjoni tal-1986 bejn il-5 ta' April 1993 u l-24 ta' April 1994, din setghetx issir, wiegeb fl-affermattiv b'dan li meta jigi l-ezami legali u jara passagg maqbuz, jiehdu *corrective action* fis-sens li jinfurmaw lil min japplika li jrid jottempera ruhu mal-ligi billi jdahhal l-atti b'mod kronologiku sabiex b'hekk ir-Registratur, jekk jidhirlu xieraq, jista' jissana n-nuqqas ta' registrazzjoni fit-terminu preskritt. Mistoqsi kieku sar trasferiment tal-plots 1 u 2 wara d-divizjoni li kienet ghadha mhix registrata, setax jirregistra dak it-trasferiment stante d-divizjoni u t-trasferiment sussegwenti, wiegeb li *"kieku talbu l-parir taghna konna nghidu li dan jista' jsir basta b'ordni kronologiku ta' kif sar it-trasferiment …. Kull trasferiment inter vivos, causa mortis jew anke decizjoni tal-Qorti kellhom l-obbligu, biex ikollhom effett ghal terzi, li jidhlu fir-Registru ta' l-Artijiet u mhux fl-Insinwa jekk dawn saru wara l-1 ta' April 1994"*. Dwar il-plots 1 u 2 ma kien l-ebda oggezzjoni bejn April u Lulju 1993 ghax l-ewwel registrazzjoni ntalbet fid-19 ta' Gunju 1995. Meta qal li r-registrazzjoni ssir ghall-interess tat-terzi, ifisser li jorbot mal-partijiet izda mhux ghat-terzi u m'hemmx nullita` wara l-emendi ta' l-1995. Skond ix-xhud ukoll talba ghar-registrazzjoni tat-trasferimenti setghet saret fin-1993 u qabel l-1995 peress illi prima facie ma kienx hemm diffikulta` legali.

Kompratur ghandu l-jedd li jesigi mhux biss garanzija tajba izda wkoll trasferiment ta' titolu tajjeb ta' proprjeta` fil-mument tal-kuntratt ta' akkwist. Issa, fil-kaz in ezami l-kompraturi qeghdin jitolbu t-trasferiment tal-plots in kwistjoni nonostante dak li l-konvenut qieghed isejjah ostakolu legali. Tali ostakolu, jekk jezisti peress illi skond l-allura Registratur ta' l-Artijiet dan ma jezistix, m'ghandux ifixkel li jsir il-kuntratt definittiv kemm peress illi l-konvenut, kif inghad, esprima ruhu li kien lest jersaq ghall-kuntratt kif ukoll peress illi mill-fatt li l-atturi ntavolaw dawn il-proceduri jirrizulta illi l-atturi huma lesti jiehdu kull riskju huma. Fi kwalunkwe kaz, ir-registrazzjonijiet mid-divizjoni 'l quddiem setghu saru, kuntrarjament ghal dak li haseb in-Nutar Martinelli, u ghadhom jistghu jsiru, minnu stess.

Mit-trattazzjoni li saret quddiem din il-Qorti minn Dott. Joseph Borg ghall-konvenut jidher illi l-hekk imsejjah ostakolu legali qieghed jigi attribwit lin-Nutar Martinelli: *"…n-Nutar sab ostakolu biex jaghmel ir-registrazzjoni relattiva. Haga tieghu personali li jiena ma nindahalx fiha. Pero` jibqa' l-fatt li hu baqa' jghid li, li tajjeb jew hazin, dik kienet ostakolu legali"*, u illi l-kwistjonijiet principali huma ben diversi.

Dott. Borg jissottometti fil-fatt li l-*crux* tal-kwistjoni hija l-kondizzjoni numru sitta (6) fil-konvenju u li permezz tieghu l-kompraturi zammew id-dritt li jcedu d-drittijiet taghhom naxxenti mill-konvenju lil terzi, kondizzjoni li jghid ma kien hemm l-ebda diskors dwarha waqt it-trattattivi, u jallega li dik il-kondizzjoni ddahhlet fil-konvenju b'qerq, allegazzjoni li l-konvenut jirrepeti fin-nota responsiva tieghu ghan-nota ta' l-atturi. Permezz ta' tali sottomissjonijiet, il-konvenut qieghed jipprova jqajjem eccezzjoni gdida meta skond l-artikolu 728(2) eccezzjonijiet ohra ma jistghux jinghataw f'waqt iehor tal-kawza sakemm ma jsirx rikors *ad hoc* u l-Qorti tkun sodisfatta li jkun hemm ragunijiet validi l-ghaliex ma jkunux inghataw fin-nota ta' eccezzjonijiet. Fi kwalunkwe kaz, is-sistema li bih wiehed icedi d-drittijiet tieghu fuq konvenju huwa tip ta negozju normali f'Malta u, ghalkemm jistghu jinholqu problemi bl-uzu ta' din il-procedura, wiehed jiltaqa' maghha ta' spiss fin-negozju ta' l-art[1]. Jigifieri l-fatt li ddahhlet l-imsemmija kondizzjoni fil-konvenju mhuwiex xi fatt straordinarju u, fi kwalunkwe kaz, fil-fehma tal-Qorti, ma giex pruvat xi ghemil qarrieqi da parte ta' l-atturi.

Fl-istess trattazzjoni, kif ukoll fl-imsemmija nota responsiva ghan-nota ta' l-atturi, il-konvenut jallega li l-kondizzjoni numru sitta (6) kienet intiza sabiex issir evazjoni fiskali peress illi gie pruvat illi l-atturi ghamlu konvenji ohra sabiex il-plots in kwistjoni jigu trasferiti lil terzi u l-istess terzi avvicinaw lill-konvenut sabiex jixtru direttament minghandu.

---

[1] Ara, per ezempju, Prim'Awla **Bertu Camilleri vs Harold Bartoli et noe**, 9 ta' Ottubru 2003.

Il-legislazzjoni ta’ natura fiskali hi minnha nnifisha ta’ ordni pubbliku in kwantu hu prezunt li saret fl-interess komuni u ghalhekk il-kwistjoni tal-legalita` jew le ta’ konvenzjoni minhabba kawza illecita tista’ tigi ssollevata mill-Qorti *ex officio*.

Fil-kaz in ezami jirrizulta mix-xiehda tan-Nutar Martinelli illi fl-10 ta’ Mejju 1993 sar konvenju bejn l-atturi u certi Anthony Farrugia u Raymond Farrugia li mbaghad fit-23 ta’ Awissu 1993 ghamlu konvenju biex ibieghu l-plot numru 2 lil Mario u Mary Joan konjugi Farrugia u fit-22 ta’ Ottubru 1993 konvenju iehor biex ibieghu l-plot numru 1 lil Anthony Micallef u Doreen Edwards (l-intervenuti fil-kawza). Hawn ukoll, ma jidher li sar xejn straordinarju. Fil-fehma tal-Qorti, pero`, dan mhuwiex rilevanti ghall-iskop tal-kawza odjerna. L-atturi huma Paul Balzan u Ludgardu Camilleri, il-kompraturi skond il-konvenju mertu tal-kawza, u li ma jirrizultax illi “cedew id-drittijiet taghhom naxxenti mill-konvenju lil terzi” izda biss li ghamlu promessa ta’ bejgh separat lill-imsemmijin Anthony Farrugia u Raymond Farrugia. Difatti ma jirrizultax li l-atturi ghamlu xi att gudizzjarju biex jinfurmaw lill-konvenut dwar xi “cessjoni ta’ dirittijet”. Ghalhekk f’dawn ic-cirkostanzi wiehed ma jistax jitkellem dwar evazjoni fiskali.

Konsegwentement l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut ma jimmeritawx illi jigu milqugha izda, peress illi jidher illi setghu jittiehdu l-passi opportuni mill-ewwel sabiex isiru r-registrazzjonijiet nieqsa, l-ispejjez ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa’ t-talbiet attrici u ghalhekk:

(1) Tikkundanna lill-konvenut biex jersaq u jaddivjeni ghall-kuntratt pubbliku definittiv taz-zewg porzjonijiet ta’ art fabbrikabbli formanti parti mill-art maghrufa bhala Tal-Barumbara, Haz-Zebbug, accessibbli minn Triq Patri Pelagju Mifsud, markati bhala plots nru. (1) u (2) fuq il-pjanta annessa mal-konvenju Dok. A, liberu u frank minn

cnus u minn kwalunkwe piz iehor, bid-drittijiet u pertinenzi taghhom kollha, kif deskritti ahjar fl-istess konvenju, bil-prezz ta' (Lm16,000) sittax-il elf lira Maltija u bil-pattijiet u kundizzjonijiet specifikati fl-istess konvenju, bil-kejl il-plot (1) ta' 153.90 metri kwadri li minnhom 127.90 metri kwadri huma fabbrikabbli u 26 metri kwadri huma intizi ghall-formazzjoni tat-triq, waqt li l-plot nru. (2) hija tal-kejl ta' 153.74 metri kwadri li minnhom 121.48 metri kwadri huma fabbrikabbli u ghandha faccata ta' ghoxrin pied u hames pulzieri, waqt li l-plot nru. (1) jigi trasferit bil-wisa' li fih, bil-pussess battal u jmissu flimkien peress illi kontigwi minn Triq Nofs in-nhar u Triq Patri Pelagju Mifsud, mill-punent ma' proprjeta` tal-aventi kawza tal-kompraturi u mil-lvant ma' proprjeta` ta' Rose Caruana;

(2) Tinnomina lin-Nutar Carmel Martinelli biex jippubblika il-kuntratt definittiv ta' bejgh;

(3) Tinnomina lill-Avukat Dottor Antonio Tufigno bhala kuratur deputat biex jirrapprezenta lill-kontumaci fuq l-att.

Bl-ispejjez tal-kawza li jigu sopportati kwantu ghal nofs mill-atturi u nofs mill-konvenut filwaqt li dawk tal-intervenuti fil-kawza jigu sopportati minnhom stess.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------